MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 322/2011

**A B**
**vs**
**L-Avukat Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li permezz ta' digriet datat 22 ta' Mejju 2012 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:-

1. "Illi l-kontentendi huma t-tnejn ta' nazzjonalita Rumena u kellhom relazzjoni ta' circa erba' (4) snin gewwa r-Rumanija;

2. Illi minn dina r-relazzjoni twieled tifel bl-isem ta' Florin B u dana fis-sbatax (17) ta' Settembru elfejn u tnejn

(2002) hekk kif muri mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

3. Illi l-kontendenti qatt ma kienu mizzewgin;

4. Illi r-relazzjoni taghhom intemmet meta l-minuri Florin kellu biss sena u sitt xhur;

5. Illi l-minuri Florin bhala stat ta' fatt dejjem baqa' fil-kura u kustodja tar-rikorrenti;

6. Illi llum il-gurnata l-mittenti ghandha relazzjoni stabbli ta' circa erba' (4) snin ma' certu Richard Black detentur tal-karta tal-identita' numru 63652A li huwa ta' nazzjonalita' Ingliza u minn liema relazzjoni huma kellhom tifla bl-isem ta' Roxana li llum il-gurnata ghandha sena u hames xhur;

7. Illi l-mittenti u l-istess Richard Black flimkien ma' Florin u Roxana gew jirrisjedu hawn Malta diversi xhur ilu peress illi Richard Black ghandu impjieg permanenti u full-time mas-socjeta' kummercjali bl-isem ta' Oney Insurance (PCC} Ltd bhala Chief Risk u Operations Officer li hija rregolata mal-MFSA u huma ghandhom l-intenzjoni li jibqghu jirrisjedu hawn Malta;

8. Illi C B ilu ma jkollu kuntatt regolari mal-minuri Florin mis-sena 2004 u r-rikorrenti ma' tafx fejn qieghed jirrisjedi llum il-gurnata u taf biss illi fil-passat ricenti kien jinsab gewwa l-Irlanda pero ma' tafx bl-ebda indirizz fiss;

9. Illi C B qatt ma kkontribwixxa finanzjarjament ghat-trobbija tal-minuri Florin;

10. Illi hemm il-htiega li l-mittenti tinghata l-kura u kustodja legali tal-minuri Florin u dana sabiex inter alia, l-istess minuri jkun jista' jattendi skola gewwa Malta;

11. Illi r-rikorrenti nghatat l-awtorizazzjoni mehtiega minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna.”

Talbet ghalhekk l-attrici lil din il-Qorti sabiex:-

1. “Tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri Florin B esklussivament lir-rikorrenti ghar-ragunijiet suesposti, u dana taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni fir-rigward tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.”

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti C B fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u talbu lill-attrici tiprovdihom b’informazzjoni li setghat tghinu jikkomunikaw mal-assenti.

Rat l-atti kollha tal-process b’mod partikolari d-digriet ta’ din il-Qorti tal-1 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu l-attrici inghatat il-kura u kustodja pendente lite tal-minuri Florin;

Ikkunsidrat:-

**Provi**.

Jirrizulta mill-provi mressqa illi l-attrici weldet lill-minuri Florin B fis-17 ta’ Settembru 2002 minn relazzjoni li kellha mal-konvenut assenti C B. Hija spejgat li ghalkemm ghandhom l-istess kunjom huma ma kienux mizzewgin. Ir-relazzjoni taghhom intemmet circa ghaxar snin ilu.

Mill-2008 hija tinsab f’relazzjoni stabbli ma’ certu Richard Black ta’ nazzjonalita’ Brittannika, li bhal attrici jirrisjedi gewwa Malta fejn ghandu wkoll impieg fiss.

L-attrici kompliet tispjega illi l-kuntatt li l-assenti jaghmel ma’ ibnu minuri huwa irregolari u li ma tafx illum fejn missier il-minuri qed jirrisjedi. L-attrici xehdet illi l-assenti B qatt ma kkontribwixxa ghall-htigijiet tal-minuri Florin u ma jurix interess fih.

L-attrici ipproduciet ix-xhieda ta' Richard Black permezz ta' affidavit li permezz tieghu essenzjalment ikkorrobora it-testimonjanza tal-attrici. Jikkonferma li hu u l-attrici ilhom jghixu flimkien mis-sena 2008, li l-minuri Florin ilu jghix maghhom minn dak iz-zmien u li huwa flimkien mal-attrici ghandhom zewg ulied imwielda fis-snin 2010 u 2012 rispettivament.

**Konsiderazzjonijiet**.

Fil-present il-kura u kustodja tal-minuri hija kongunta ex lege bejn iz-zewg genituri. L-azzjoni attrici hi diretta sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi affidata esklussivament lilha.

Mill-provi migjuba mill-attrici jirrizulta li missier il-minuri ma jaghti l-ebda kontribuzzjoni ghall-htigijiet ta' Florin u ma jzommx kuntatt regolari mieghu. Missier il-minuri jghix hajja lavorativa movimentata hafna jivjagja minn pajjiz ghal iehor. Din is-sitwazzjoni qed tkun ta' detriment ghall-minuri stante li l-attrici qed tiltaqa' ma' diversi diffikultajiet meta tigi biex tiehu decizzjonijiet li jirrigwardaw il-minuri jew meta tigi biex tapplika ma' entitajiet pubblici fir-rigward tal-minuri peress li jirrikjedu il-firma taz-zewg genituri u l-missier huwa assenti.

**Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi:-

"(1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- omissis -

(*b*) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;

- omissis -

(*e*) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.

(2) Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terġa' tqiegħed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu, jekk ma tibqax ir-raġuni li għaliha tkun tellfitu dawk il-jeddijiet."

Bis-sahha ta' dan l-artikolu il-Qorti ghandha s-setgha li tnehhi parti mis-setgha ta' genitur jekk il-genitur jonqos milli jaqdi xi wiehed mid-doveri tieghu taht l-Artikolu 3B tal-Kap.16.

**Artikolu 3B tal-Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta** jipprovdi *inter alia* illi:-

"L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied".[1]

Jirrizulta mill-atti illi l-konvenut C B ma jipprovdi l-ebda manteniment ghat-tifel tieghu Florin B. Ghalkemm l-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni ghaliex ma hadet l-ebda passi kontra l-missier fir-rigward tal-manteniment, jibqa' l-fatt illi mill-provi mressqa jirrizulta li bhala stat ta' fatt il-missier ma jivversa l-ebda manteniment ghall-minuri nonostante li kif indikat fix-xhieda tal-attrici ghandu hajja lavorativa li presumibilment tipprovdilu dhul sostanzjali. Dan qed jinghad ghaliex l-informazzjoni li tat l-attrici f'dan ir-rigward hi fis-sens li x-xoghol tal-konvenut B jinkludi safar minn pajjiz ghal iehor.

B'dawn il-provi skarsi ghad-disposizzjoni taghha l-Qorti qed tikkonkludi li in-nuqqas tal-konvenut B li jipprovdi

[1] Sub-inciz 2 tal-Artikolu 3B.

manteniment ghall-minuri jammonta ghal ksur tal-Artikolu 3B tal-Kap. 16 fuq citat.

Inoltre jirrizulta mill-atti illi l-missier jaghmel kuntatt ma' ibnu b'mod darba kulltant minghajr ebda regolarita. Dan fil-fehma tal-Qorti jammonta ghal abbandun tal-minuri da parti ta' missieru.

It-talba tal-attrici sabiex tinghata wahedha l-kura u kustodja tal-minuri hija ghalhekk gustifikata.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi takkolji d-domanda attrici u tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri Florin B esklussivament f'idejn l-attrici A B.

L-ispejjez tal-kawza huma a kariku tal-konvenut C B.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------